# QREMPUĊU F'BELT IL-ĠOBON

Qrempuċu kien rieqed fil-fond u beda joħlom ħolma fantastika li kienet din li ħa ngħidilkom issa:

"Qrempuċu beda jlesti biex imur l-ajruport għax kien se jsiefer Franza għal ġimgħa. Xħin tela' fuq l-ajruplan induna li dan kien tal-ġobon u pprova jirreżisti milli jieklu. It-titjira kienet twila erba' sigħat.

F'nofs it-titjira Qrempuċu qabdu l-ġuħ u ddeċieda li jieħu biċċa ġobon u malli daqu nduna li kien wieħed mill-itjeb ġobon fid-dinja. Baqa' jiekol u jiekol sakemm l-ajruplan sparixxa għax kien kollu f'żaqq Qrempuċu. Ħabta u sabta huwa beda nieżel 'l isfel u mat-tisbita li ħass, stenbaħ f'daqqa.

Il-ġurdien intebaħ li kien qed joħlom u wara li ħa nifs twil reġa' għalaq għajn m'għajn."